## 92.

Tnax-il bniedem kienu magħluqin f'għarix tal-landa. Tnax-il ruħ, kulħadd bil-ħsebijiet tiegħu, kull wieħed magħġun b'mod mhux bħall-ieħor...... iżda dawn ma kinux ħlief tnax-il numru fost il-wied kbir ta' ħlejjaq li kien mixħut fix-xmara ta' demm tat-taqtigħa f'dinja mħarbta.

Barra, iż-żanżir taż-żnażar fuq is-siġar kien ilu sejjer minn qabel nofs inhar u qtajja' ta' dubbien kienu jittajjru fix-xemx u jinżlu jinġabru ma' dwar xi frak ta' ikel li waqa' fl-art. Ix-xemx kienet tiżreġ ġmielha u għalkemm is-saqaf tal-ħadid kien jeħilsek mill-qilla tagħha, iżda b'danakollu kont tħossok ġo forn jikwi. Il-lejl ta' qabel l-għadu kien il-ħin kollu jittajjar fuq il-gżira; żmien ta' rqad ma kienx hemm. L-ikel beda jonqos u tnaqqsu wkoll is-sigaretti u x-xorb. L-istukas u l-Junkers żdiedu fil-ħidma tagħhom; il-biża', l-għeja, il-ġuħ; ilkoll bdew jagħmlu tagħhom flimkien. Għajjien mejjet u wara ikla mank tista' tistrieħ minħabba s-sħana, l-istonku mitbuq, ħsebijiet koroh; ma tafx jekk din hix l-aħħar siegħa tal-ħajja. Tgħix toħlom. Hemda fost il-kamra, ħadd ma għandu qalb jitħaddet, kulħadd mimdud fuq is-saqqu, għajnejh ċassi jifli l-ħajja...... li qisha biss ħolma, duħħan... li għalih ma tiswa xejn, iżda li għandha mnejn fiha valur kbir għal ħaddieħor......

Għax kull qalb trid oħra. Kulħadd hu marbut ma' xi ħlieqa oħra. Imma minħabba li l-qalb ma tidherx, mhux ħafif tgħid u tagħraf 'il fejn din qiegħda tħabbat. Hemm rabta bejn il-ħlejjaq tad-dinja; kulħadd iħoss għal xi ħadd ieħor, kulħadd iħobb. Din hi l-ikbar liġi bla ma mfissra tan-Natura. Tibqa' tgħix fil-bniedem ukoll fost l-għira u l-mibegħda li tiġi mal-gwerra.

Dlonk ħsebijiet bħal dawn kellhom jinqatgħu. Instema' ċ-ċenċil qawwi ta' qanpiena, passi ta' żraben tqal itambru fuq l-art iebsa, kmandi u ordnijiet, għajjat, tfaqqigħ tal-azzar ta' ħluq il-kanuni kif dawn jissakkru, lesti biex jobżqu n-nar lejn is-smewwiet. F'nofs minuta l-*barrack room* li semmejna tbattlet. Is-suldati kemm xeddew l-elmu tal-azzar u lebbtu 'l barra; min jitħejja għas-serriegħa, oħrajn jidħlu għall-kenn lesti għalli jista' jinqala'.

Fil-bieb waqfu tnejn għal ftit;

"Hares, bħas-soltu" qal wieħed lill-ieħor.

"Iva," qabeż malajr it-tieni, "iżda narak wara għax il-but xott," tenna, b'aċċent stranjier.

"Tħabbilx moħħok," issokta ta' l-ewwel, "ibqa' sejjer għal xogħlok. Niltaqgħu iżjed tard."

Dawk li baqgħu l-aħħar, waqt li kienu ħerġin u semgħu dik il-ftehima, tbissmu. Kienet tas-soltu. In-najn tu (92), għax hekk kienu jsejħulu lil dak il-proxxmu mill-aħħar żewġ numri li kien iġib fir-riġment, kienu drawh ifittex lil xi ħadd, biex jitla' jagħmel l-għassa fuq il-kanun minn floku. Minn daqqiet kien isib min imurlu, drabijiet oħra kien ikollu jmur hu stess. Għalkemm, wiċċu ma kienx jixhidlu ta' ġifa! għajnejh kienu jarmu l-beraq, fommu marsus, imnieħru mislut ftit il fuq, mibrum, mdaqqas u mibni ġmielu — x'iktarx dehra ta' bniedem li jnissel rogħda meta tarah. Ftit kien jitkellem; tassew illi l-Malti kien iqanqlu ftit biex jiftiehem; x'iktarx kellu dehra ta' wieħed dejjem imnikket. Kien jidher li ġewwa qalbu kellu xi ħaġa magħluqa, mistura, xi ħsieb ta' xi dwejjaq li kienu jiħnulu qalbu u li qatt ma sab ma' min jaqsamhom. Għax ma kellu lil ħadd min jiġi minnu hawn; kien intqal li qiegħed jrabbi daqxejn ta' tfajla ta' xi għaxar snin li kienet zoppa, u li xi ġirien ta' qalb tajba kienu jindukrawlu meta kien imur għal dmiru.

Biċċa bħal din, ta' kif kien iħallas lil ħadd ieħor biex jaqdilu dmiru kienet ftit stramba. F'fortizza kbira jista' bniedem jiskarta darba, iżda meta din tibda' ssir ta' sikwit tibda' tagħti fl-għajn. Tfittxu fejn tfittxu ma ssibu mkien; tgħid imur jistaħba f'xi rokna fil-fond? tgħid biex jitbiegħed mill-fortizza? jew jistax ikun xi spjun? Kien hemm min tkixxef fuqu; sab li kien Spanjol, maħrub minn pajjiżu fil-gwerra ċivili, u baqa' jgħix f'Malta. Xi ħadd ipprova jeħodlu minn moħħu. Iżda, xott xott, bejn tlaqliqa u tlaqliqa, wieġbu bil-Malti; "Ma nitlaqx għax nibża', iżda għax hekk hemm bżonn; hemm bżonn kbir, kieku hawn nibqa'."

L-attakk ta' l-għadu ta' dak il-jum kien wieħed mill-itwal u mill-eqlel. L-ajruplani ħabtu għal bosta mkejjen, daru għall-fortizza, tefgħu bombi kemm felħu madwarha, u fuqha stess il-kanuni ma qalgħux mingħajr ma taw, iżda, dak il-jum kien hemm il-midruba u saħansitra l-mejtin. X'uħud msejkna, ma nsabux. Wara attakk bħal dak, is-suldati ssejħu f'ringiela biex jitqiesu n-neqsin. L-Ispanjol ma deherx. Il-maġġur għajjat in-numru tiegħu "73892"; l-ebda tweġiba. Waqgħet sikta; il-qlub ta' dawk il-qalbiena ntagħfset u ħabbtet fil-vojt. Tgħid ieħor

imtertaq? Jew laħaq dabbar rasu il-lum bħas-soltu? F'dik il-ħemda, il-veru skiet tal-mewt, il-maġġur, mixrub u mnixxef għamel sforz ieħor u raga' għajjat "73892". Leħnu nstama' jidwi qalb il-ħitan tal-egħlieqi u l-ixfar ta' l-irdumijiet, iżda tweġiba minn fejn kien jistennieha ma wasletx. Dak il-bniedem ta' ħruxija, il-biża' ta' kull suldat fil-fortizza, ġibed nifs qawwi, ħammar ftit għajnejh, għaddashom fuq il-karta li fuqha kellu l-ismijiet u beda jħażżeż "Missing—mitluf". Is-suldati baqgħu miblugħa f'posthom. Xi ħadd fosthom lissen "Requiem Aeternam", u l-kotra spiċċawha miegħu!

Ix-xemx dehret tħammar, nieżla biex ittemm dak il-jum ta' ħasda — u biex, għandha mnejn, iddaħħal lejl mimli niket. Fuq ix-xefaq, mgħargħar fil-ħmura tax-xemx, feġġ dell ta' raġel riesaq. Kif wasal iżjed fil-viċin, kont tilmaħ rasu nfaxxata, idejh mitluqa, lbiesu mċarrat u kollu dmija. Xi ħadd għarfu. "Wasal" ħarġet għalenija l-kelma minn bosta ħluq, f'salt wieħed. Kien "in-najnti tu!"

Kien jidher bniedem mifluġ iżda mgħaddab. Wiċċu kien għadu sod bħal qabel... imma din id-darba kont taqra fuqu qilla u għatx biex irodd lura xi deni li kien sarlu. Għajnejh kienu jarmu n-nar, snienu mheżżin, idejh magħqudin f'ponnijiet. Kont tisthajlek qiegħed tara quddiemek mhux bniedem, iżda dbiba feruta. Ħadd ma ssogra jersaq lejh, ħadd ma żżarda jkellmu. Resaq ħdejn sħabu, sab postu. Il-maġġur għajjatlu bin-numru. "Preżent" għajjat lura, iżarżar ż-ż u l-*r* mhux biss bis-saħħa li biha jitħaddtu l-Ispanjoli, iżda b'dik il-forza li toħroġ minn sider bniedem f'saħna ta' demm.

Hekk kif spiċċat il-parata, kulħadd inġabar f'kamartu jipprova jisraq xi ftit mistrieħ qabel ma tasal xi taqtigħa oħra. Kulħadd kellu xi ħaġa xi jgħid fuq l-aħħar nofs ta' nhar waħxi. L-Ispanjol xi jgħid kellu iżjed minn kulħadd; tiegħu kienet ġrajja kbira ta' swied il-qalb. Dak il-ħin fetaħ qalbu ma' sħabu. Qallhom fuq kif tilef id-dar tiegħu f'bumbardament Ġermaniż fuq Valenċja. Gerfex mhux ftit qalb il-ħerba, imma mill-familja kollha rnexxielu jsalva biss lil oħtu tarbija, Juanita, li kienet midruba f'riġilha. Ġiebha hawn Malta, saru sudditi Ngliżi, u tista' tgħid li kien igħix biss għal oħtu. Moħħu kien dejjem fiha u meta nġabar suldat l-iżjed li ħass kien li ma satax ikompli jdur biha bħal qabel. Kull meta jista' kien jinżel jaraha, ma jħabbilx moħħu kemm-il darba kuljum. Kien jagħmel

minn kollox biex waqt *air-raid* ikun ħdejha, għax hi, jaħasra, minħabba d-diżgrazzja ta' ċkunitha, baqgħet titkexkex ukoll kif tisma' l-inqas tfaqqigħa.

F'dak in-nofs ta' nhar, l-attakk kien beda malajr ħafna, u kif wasal fil-post, sab id-dar imġarrfa. Qalbu għamlet tikk. Fittex lil oħtu fix-xelter u ma sabhiex. Qalleb id-debris, tkaxkar taħt taraġ imwaqqa', waqgħu xi ċnagen fuqu, fl-aħħar sab lil oħtu ... mgħaffġa, taħt il-ħerba, mimlija għabra, bid-demm għadu ħiereġ ibaqbaq mill-ġrieħi; iżda titbissem, tħaddan magħha pupa taċ-ċarruta li huwa kien xtralha mit-tfaddil fqajjar li seta' jagħmel suldat.

B'dik it-tbissima s-soltu kienet tilqa' lil ħuha li kien sar missierha; żammetha għax qisha kienet taf li jkun moħħu fiha u li dalwaqt kellu jasal. F'dik it-tbissima, Juanita riedet turih li hi baqgħet tiftakar il-ħlewwa ta' ħajja li għaddiet miegħu. Hu tbissem ukoll, iżda tbissima qarsa, mimlija sogħba u mdardra fis-semm, refagħha fuq dirgħajh, għannaqha, biesha għall-aħħar darba u bi żlieġa fuq għajnejh għaddieha lil dawk li kienu waslu biex jieħdu ħsieb il-midrubin u l-mejtin.

"Huduha," qalilhom, "hi kienet li hennitli ħajti. Issa sejra tħallini, sejra ma' ommi, ma' ħuti, u ma' missieri, f'art oħra fejn ma hemmx niket... u tħalli lili waħdi, hawn, f'baħħ..."

Kemm kemm kien għoddu spiċċa, li l-qanpiena ma reġgħetx ħabbret li l-għadu kien sejjer jissokta l-ħbit tiegħu. Xi ħadd staqsa lin-"najn tu" jekk kienx irid min jagħmillu l-għassa. "Grazzi," wieġbu l-ieħor xott xott, "issa m'hemmx bżonn iżjed".

Kif kien sejjer, staqsa lis-surġent jekk it-*Twin Lewises* kinux jaħdmu sewwa. Is-surġent baqa' bħal miblugħ, mejjel ftit rasu għax bil-kemm setgħat toħroġlu "Iva", u l-Ispanjol, mingħajr kliem xejn baqa' sejjer għal postu.

L-għadu ħabat bl-ikrah għall-fortizza dik il-lejla. Is-suldati kellhom jieħdu kenn. In-"najnti tu" ma niżelx minn fejn kien. Fost il-ħsejjes tal-barrage, it-tfaqqigħ tal-bombi, nstama' n-nar mill-kanun tan-"najnti tu" sejjer bla waqfien. U mar-rat-tat-tat tal-*machine gun* kont tisma' ħiereġ xmara għadab minn fomm l-Ispanjol. Ma baqgħax x'ma qalilhomx lill-Ġermaniżi f'dik il-lejla. Huma kienu li ħasdulu lill-familja kollha, u minn dak iż-żmien 'il quddiem ma kienx għad fadallu l-ħtieġa li jiskarta waqt l-alarm!

C. CASSANO.